# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 660/15MH**

**Illum 6 ta' Mejju, 2016**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru: 393/13**

**Steven (444361M) u Anita (18163M) konjugi Pace**

**vs**

**Paul Said et**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Paul Camilleri (I.D. 346972M) u Micheal Micallef (I.D. 348962M) prezentata fis-7 ta' Lulju 2015, fejn gie premess:

1. *"Illi permezz ta' mandat ta' sekwestru datat 13 ta' Marzu, 2013 fl-ismijiet premessi, s-sekwestrant talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra r-rikorrenti ghal ammont ta' sebghin elf Ewro (€70,000).*

2. *Illi l-kawzali dedotta fl-imsemmmi mandat li permezz tieghu kienet qed tigi kkawtelata giet imressqa mis-sekwestrant kontra is-sekwestrati kollha, u*

*cioe'' s-socjeta Valletta Glass srl, Paul Said, Michael Micallef, Paul Camilleri u Ivan Farrugia permezz ta' arbitragg numru 3573/2013*

3. *Illi l-kawza li indikata fl-istess mandat hija "Rifuzjoni ta' ammont lis-sekwestranti u dan in konsegwenza ta'frodi ipperpetrat mis-sekwestrati flimkien u in solidum bejnithom b' meta b' messa in scena huma inkonvincu lis-sekwestranti biex jinvestu f' propjeta immobiljarja li suppost kellha tigi mixtrija mis-socjeta Valletta Glass s.r.l., socjeta allegatament registrata ir-Rumanija, u li fiha allegatament, is-sekwestrati jew min minnhom kienu azzjonisti.*

4. *Illi l-intimati kollha hlief ghas-socjeta Valletta Glass srl eccepew preliminarjament fuq zewg binarji illi huma ma' kienux legittimi kontradittturi kif ukoll illi ma' kienx hemm lok fil-konfront taghhom illi huma jigu assoggettati ghall-gurisdizzjoni ta' arbitragg in vista tas-semplici fatt illi huma qatt ma' kienu firmatarji tal-ftehim illi fuqu huwa radikat l-istess arbitragg li gie propost mill-attur sekwestrant.*

5. *Illi b' decizjoni moghitja fit-28 ta' Mejju 2015 fic-centru tal-arbitragg l-eccezzjoni suriferita giet milqughha u konsegwentement gie deciz illi ma' kien hemm ebda gurisdizzjoni fil-konfront taz-zewg esponenti odjerni* ***[Ara Dok. A anness].***

6. *Illi tajjeb li jigi rilevat illi minkejja illi d-decizjoni giet moghitja fit-28 ta' Mejju 2015 fic-centru tal-arbitragg din pero' giet moghtija lill-partijiet biss fit-2 ta' lulju 2015 u dan peress illi l-attur sekwestrant beda adirittura jirrifjuta li jhallas l-ispejjez tal-arbitragg minkejja li kien hekk ordnat f' dak l-istadju jew minkejja li kien hekk tenut illi jaghmel* ***[Ara Dok. B anness].***

7. *Illi kien biss meta fit-2 ta' Lulju l-esponent odjerni minn jeddhom marru u halsu huma tali spejjez [tramite d-difensur taghhom] illi d-decizjoni tal-arbitru giet magfhrufa lill-partijiet kollha* ***[Ara Dok. C anness]****.*

8. *Illi l-imsemmi mandat allura issa ma ghadux aktar fis-sehh fil-konfront tal-esponenti minhabba din ir-raguni u ghaldaqstant qieghed isir dan ir-rikors ghar-revoka tieghu u dan peress illi issa jidher illi wara li ghadda zmien ghalhekk moghti mil-Ligi, ma' hemm ebda kawza kontra l-esponenti li titratta l-pretensjoni kkawtelata bil-mandat odjern.*

9. *Illi l-esponenti sekwestrati umilment jissottomettu illi ghandu jirrizulta wkoll ampjament illi dan il-mandat inhareg b'mod vessatorju ghal ahhar u li ma kien hemm l-ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fil-ligi ghal hrug ta' tali mandat kontra l-esponenti, kif ukoll ghalie issa jidher illi ma' saretx ebda kawza kontr` l-esponenti fi zmien moghti mil-ligi u kwindi per konsegwenza ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet tal-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12 u dan fil-konfront tas-sekwestranti.*

*GHALDAQSTANT, l-esponenti titlob umilment sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*thassar u tirrevoka, in parte jew in toto, l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi, u dan taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 836 (1)(c)(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.*

*Tikkundanna lill-intimat sabiex a tenur ta' l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jhallas dik il-penali ta' mhux aktar minn €6,988.12 kif ukoll dawk id-danni li din il-Qorti jidhrilha xierqa u dan peress li ma*

*jezistux ic-cirkostanzi necessarji ghal hrug ta' dan il-mandat, oltre li l-istess hrug ta' dan il-mandat intalab b'mod frivolu u vessatorju ghal ahhar, kif ukoll ghaliex il-mandat ma' giex segwit b' kawza fit-terminu moghti mill-ligi."*

Rat ir-risposta ta' Steven (ID444361M) u Anita Pace (ID18163M) prezentata fit-18 ta' Settembru 2015, li permezz taghha esponew:

*"Illi l-kontro mandat li talbu li jinhareg ir-rikorrenti permezz tar-rikors promotur inhareg fil-mori tal-istess proceduri u ftit zmien wara id-decizjoni moghtija mic-Centru tal-Artbitragg wara illi din sabet illi il-kawza arbitrali fil-kuntratt li ta lok ghall-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg u li issa nbdew kontra l-istess persuni quddiem il-Qrati Ordinarji sab illi l-istess Camilleri u Micallef ma kienux marbutin bil-klawzola arbitrali.*

*Illi ghal dawn ir-ragunijiet bl-ebda mod ma jezistu r-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 836(8) li jippermettu lill-Qorti fid-diskrezzjoni taghha illi timponi l-penali msemmija fl-istess Artikolu; dana partikolarment meta t-talba ghar-radd lura tas-somma ta' €70,000 bl-imghaxijiet fuqhom li kienet il-mertu tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Arbitragg u allura t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-istess Camilleri u Micallef certament ma kienetx wahda li saret bmalizja jew li kienet frivola jew vessatorja u wisq inqas kienet sitwazzjoni fejn "ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu/taghhom u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu/taghhom li jhallas/ihallsu t-talbiet tar-rikorrent u din il-qadgha tad-debitur/I kienet maghrufa sew. Dan qed jinghad ukoll ghaliex bhala fatt meta nhareg il-mandat ta' sekwestu l-flejjes issekwestrati permezz tieghu qajla resqu lejn l-ammont li attwalment ghandhom ihallsu lill-esponenti kredituri.*

*Illi bhal kull kaz iehor li ghandu x'jaqsam ma talba ghar-revoka ta' mandat ai termini tal-Artikolu 836 il-Qorti tharres biss lejn talba simili fuq bazi tal-prima facie u m'ghandu jkun hemm ebda dubju illi prima facie jezisti d-dritt tal-esponenti li jikkawtelaw il-pretenzzjoni taghhom kontra Micallef u Camilleri u allura din il-Qorti m'ghandHiex, qed jigi sottomess tindaga hi f'dan l-istadju jekk jew le din il-pretenzzjoni hiex valida o meno billi l-kaz ghadu sub iudice.*

*Ir- raison d'etre uniku li inghata minn dawn il-Qrati lir-Registratur meta l-Qorti nghatat diskrezzjoni biex timponi penali kontra min ikun hareg mandate kawtelatorju kienet, ghadha u tibqa' sabiex had ma johrog mandat kawtelatorju b'kapricc jew b'malizja jew retribuzzjoni li certament fil-kaz odjern ma jezistux. Tant hu hekk illi r-Registratur hallha fídejn il-qorti u d-diskrezzjoni taghha illi anke jekk jigi pprovat li mandat kawtelatorju jkun hareg b'malizzja jew vessatorjeta hija dejjem il-Qorti li tqis fid-diskrezzjoni taghha jekk ghandhiex jew le timponi multa u anke jekk timponiha ghadha diskrezzjoni vastissima timponiex ewro wiehed jew sitta.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom anke billi l-kontro mandat diga nhareg."*

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet it-trattazzjonijiet. Senjatament rat ukoll in-nota tar-rikorrenti datata 18 ta' Settembru, 2016[1]

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel lok ghandu jigi premess u dana kif jirrizulta min-nota suriferita illi l-mandat li tieghu qed tintalab ir-revoka gie fil-mori ta' dan il-proceduri irtirat mill-konjugi Said, l-ezekutanti, bil-hrug tad-debitu kontro-mandat.

---

[1] folio 14

L-avukat tar-rikorrenti insista pero' bis-sahha fuq it-talba tieghu mressqa fir-rikors promotur ghal imposizzjoni tal-penali.

Illi ghalhekk dan id-digriet jitratta it-tieni talba kontemplata taht l-artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkonsidrat**

Harsa lejn l-istess rikors promotur juri li ma gie indikat fih ebda sub-inciz taht liema din il-penali kienet qed tigi bbazata. Pero mit-trattazzjoni li ghamel l-abbli Avukat  tar-rikorrenti jidher li huwa strah fuq is-sub inciz (d) ta' l-artikolu n kwistjoni.

Tant hu hekk illi bbaza l-aktar it-trattazzjoni tieghu fuq fattur li kellu x'jaqsam mad-data li nghata l-Lodo preliminari  mill-arbitragg bejn il-partijiet, l-hlas ta' l-istess Lodo u z-zmien li dam in vigore dan il-mandat kontra taghhom nonostante li l-Lodo kien illiberahom  mill-osservanza tal-gudizzju minhabba nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-konfront taghhom. Zid li mahrug mill-intimati ezekutanti dan il-kontro mandat ta' sekwestru li dam in vigore ghalmenu sentejn, l-istess rikorrenti immedjatament prezentaw iehor fil-konfront taghhom issa fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.  Zied li issa li kienet bdiet il-kawza Civili kontra r-rikorrenti u terzi, l-intimati kienu tilfu kull interess fl-arbitragg pendenti kontra s-socjeta Valletta Glass S.R.L. ghalhekk insista li l-att kawtelatorju, llum revokat li kien qed jigi attakat u li minhabba fih kien hemm it-talba ghal imposizzjoni ta' penali, kien ntuza mill-intimati ezekutanti biex

qieghed taht morsa lir-rikorrenti sakemm dawn fl-ahhar jikkrollaw u jcedu ghal hlas.

Min-naha tieghu l-abbli difensur tal-intimati ezekutanti baqa' sieket fuq dan, pero' sahhah ghal hafna drabi li ezami li hawn giet mitluba taghmel il-Qorti, cioe' jekk kienetx idoneja il-penali, kien jinkorri r-riskju lil Qorti biex issib dan it-tort tkun qed tippronunzja ruhha fuq il-mertu. Insista wkoll lil mandat tant ma kienx wiehed ta' natura vessatorja, frivola jew malizzjuza, illi wara erba' snin ta' proceduri, l-ezekutati kienu ricentement ddepositaw is-somma ta' sebghin elf, pero' eskludew l-imghaxijiet fuqhom  dovuti fuq l-istess somma.

Argumenta oltre l-avukat tal-intimati li minn kien jirrikorri ghad-dritt tieghu tal-kawtela, a bazi ta' fehma soggettiva biex jikkawtela pretensjoni dovuta, ma seta' qatt ikun espost ghal penali. Insista li jekk il-Qorti kienet se tikkonkludi li l-mandat kien inhareg kapriccozament dana kien jittraduci fil-konkluzjoni lit-talba tal-ezekutanti  ghal hlas kienet wahda kapriccuza, allura tincidi l-Qorti fuq il-mertu tal-vertenza proprja.

Fil-fatt minhabba din id-difiza mressqa saret referenza ampja u sottomissjonijiet fuq il-livell ta' prova li l-Qorti trid tasal ghalih f'dan l-istadju; ta' 'l hekk imsejjah *prima facie.*

Insibu li fil-kawza  fl-ismijiet **Hawkins James vs Seasus Limited deciza 08.10.15 P.A.** inghad hekk dwar dan:

*"Illi kif irriteniet tant tajjeb dina l-Qorti ppreseduta mill-imħallef sedenti fis-sentenza* ***GO p.l.c. vs Natalino Zammit I.D. 104262M*** *tat-28 ta' Jannar, 2015:*

*"Tqis illi dak illi trid taċċerta ruħha minnu l-Qorti permezz ta' din il-proċedura preliminari huwa jekk il-pretensjoni tas-sekwestranta hijiex prima facie ġustifikata jew le. Din hija proċedura preliminari fejn il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu f'dan l-istadju, imma trid tillimita ruħha għal eżami prima facie għaliex il-mertu kollu jiġi trattat u deċiż fil-kawża bejn il-partijiet li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta.*

*Illi f'dan ir-rigward tagħmel riferiment għall-provvediment mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Lulju, 2005 fejn qalet li ġej:*

*"Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu, jew le, tkun qiegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru";*

*Illi l-istess sentenza sopraċitata tikkwota wkoll li fid-digriet fl-ismijiet* ***Joseph Camilleri et vs Anthony Govè et*** *tal-10 ta' Mejju, 2001, per Onor. Imħallef Dr R.C. Pace, u* ***Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et*** *tad-29 ta' Novembru, 2001, per Onor Imħallef Dr R.C. Pace, jingħad:*

*"li mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-unika eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan għaliex il-mertu kollu jigi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm*

*limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja"*

Illi isegwi ghalhekk li jekk fil-hrug ta' l-att kawtelatorju innifsu il-Qorti tasal biex tivvaluta l-provi mressqa sal-grad tal-*prima facie*, allura dan il-livell *multo magis* huwa necessarju u rikjest f'talbiet ta' revoka u ohrajn maghha relatati, tant li l-ligi fl-artikolu 836(1) titkellem fuq *ragunijiet* biex it-talba tirnexxi.

Esposti dan l-insenjament din il-Qorti ghalhekk hija gwidata biex taghmel ezami sa livell biss ta' *prima facie* in kwantu ghar-ragunijiet imressqa fit-talba odjerna. **Ghalhekk kontrarjament ghal insistenza tal-intimati ezekutanti, hija qatt ma tkun qed tippronunzja ruhha fuq il-mertu tal-vertenza pendenti bejniethom fil-kawza apposita fid-determinazzjoni tal-vertenza tal-penali mressqa fir-rikors in ezami.**

**Konsiderazzjonijiet dwar l-artikolu 836(8)**

Kif gia qalet din il-Qorti it-talba ghal imposizzjoni tal-penali hija wahda li r-rikorrenti hallew miftuha taht l-artikolu in ezami fl-intier tieghu.

Stabbilit li mhux kompitu ta' din il-Qorti li taghzel hi taht liema sub inciz ghandha tigi ezaminata it-talba, pero' jidher car lil Qorti li r-rikorrenti ezekutat strah fl-argumenti tieghu fuq l-imposizzjoni tal-penali ghar-ragunijiet rizultanti taht is-sub inciz (d) li jitkellem dwar mandati li saru b'malizja, li huma frivoli jew vessatorji.

Spjegaw ir-rikorrent ezekutati illi l-intimati ezekutanti ottjenew mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra taghhom (esebit fl-atti bin-numru 393/15[2]). Illi l-kawza imressqa mis-socjeta' intimata saret quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, arbitragg numru 3573/2013. Ziedu li r-rikorrenti (flimkien ma' ohrajn hemm imharrka) ecceppew illi l-ftehim ta' l-arbitragg kien estraneju ghalihom, in kwantu kienu biss is-socjeta' estera Valletta Glass srl u l-intimati ezekutanti li dahhlu f'dan il-ftehim, bil-konsegwenza li huma ma kienux ssottomettew ghal gurisdizzjoni tal-bord ta' l-Arbitragg.

Il-Lodo preliminari esebit mar-rikors promotur in ezami bhala Dok A[3] ta ragun lir-rikorrenti ezekutati. **Dan il-Lodo preliminari gie deciz fit-28 ta' Mejju, 2015.**

L Arbitru dwar din il-vertenza qal hekk;

*"Illi minn imkien ma jirrizulta li l-intimati l-ohra ssottomettew ghall-gurisdizjoni tal-arbitragg, jew qabblu li jmorru arbitragg. Anzi oppost qed jishqu li ma tezistix gurisdizzjoni sabiex il-kaz jistema mill-Arbitragg.*

*Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-arbitru qieghed jilqa l-eccezzjoni preliminari ta' ....Paul Camilleri, Michael Micallef…… u jsib li ma hemmx gurisdizzjoni sabiex il-kaz kontrihom* (kontrih) *jistema permezz ta' arbitragg quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg."*.

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija msahha mill-fatt li nonostante li dan il-lodo preliminari gie deciz fid-data tat-28 ta' Mejju, 2015, dan gie moghti lil partijiet biss fit-2 ta' Lulju, 2015 u dana ghaliex l-intimati sekwestranti naqqsu li jhallsu

[2] Folio 50
[3] Folio 3

l-ispejjez ta' l-arbitragg lilhom attribwiti fil-Lodo, dan minkejja li kienu mitluba hekk jaghmlu skont id-dokument B[4] anness mar-rikors in ezami. Skont ir-rikorrenti ezekutati ghaliex indunaw li d-decizzjoni kienet wahda li marret kontrihom.

Ziedu li kienu huma stess li fil-fatt hallsu l-ispejjez rikjesti biex id-decizzjoni ta' l-arbitru giet lilhom maghrufa. Ta'dan esebixxa d-dokument C[5].

Argumentaw fir-rikors illi allura l-isemmi mandat minhabba r-rizultanzi tal-Lodo preliminari gia esposti, ma kellux jinzamm aktar fis-sehh u li kien ghalhekk li kienet qed issir t-talba ghal-penali in kwantu ghaz-zmien zejjed allura li l-intimati ghazlu li jzommu dan il-mandat in vigore tenut kont tad-decizzjoni preliminari, zmien zejjed inkors minhabba n-nuqqas ta' hlas kif suriferit.

Kif gia nghad fil-kors ta' dawn il-proceduri l-ezekutanti hargu d-debita kontra mandat precizament minhabba d-decizzjoni preliminari ta' l-arbitru. L-insistenza tal-penali hija allura ibbazata fuq il-fatt li l-ezekutanti nonostante li kienu konsapevoli li kienet tlestiet is-sentenza preliminari tal-arbitru u ghaliex skont l-ezekutati rikorrenti hassew li dan ta' l-ahhar kienu se jigu liberati, ghazlu li ma jhallsux l-istess lodo dan cioenonostante li kien hemm is-sekwestru kawtelatorju in vigore. Jargumentaw ir-rikorrenti ezekutati li l-mandat f'dan l-istadju kien inzamm biss in vigore biex jivvessa u jhallihom go morsa.

[4] Folio 5
[5] Folio 6

Fuq dan il-punt l-intimati ezekutanti baqaw siekta. Mqarr taw spjegazzjoni ghala ghazlu t-triq li jibqaw lura mill-hlas tal-Lodo preliminari ghal tul ta' zmien konsiderevoli !!!

Kif gia nghad din il-Qorti setghet tislet mis-sottomissjonijiet mressqa illi l-penali qeghda tigi biss mitluba ai terminu ta' l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 cioe' *"jekk it-talba tar-rikorrenti tkun wahda li ssir b'malizzja tkun frivola jew vessatorja*"

Insibu fil-kawza fl-ismijiet **Avv. Nicholas Valenzia noe vs Hermes Aviation Limited P.A. 17.2.15** li ntqal dan fuq l-ezami tal-penali mitluba:

**"*7)*** ***L-Art 836(8) tal-Kap 12***

*L-ewwel parti tad-disposizzjoni taqra hekk:-*

*Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju …*

*Fil-provvediment fuq citat tal-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru 164/12 JRM fl-ismijiet : "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" : ghat-thassir tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju nru*

*609/2012 ipprezentat nhar l-4 ta` Mejju 2012 fl-ismijiet : "Office Group Limited (C39197) vs Jamar Malta Limited (C45236)" il-Qorti qalet hekk dwar* ***l-Art 836(8)*** *tal-Kap 12 :-*

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha.* ***Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż".*** (emfasi ta' din il-Qorti)

Ikkonsidrat dan it-taghlim dwar il-penali u l-imposizzjoni taghha, qieset li fil-verita l-intimati ezekutanti hallew fl-limbu d-decizjoni preliminari mhux pubblikata, stante li naqsu ghal ebda raguni valida minnhom imressqa li jhallsu l-istess ghal xahar. Tant li kienu ir-rikorrenti ezekutati li ghazlu biex ihaffu l-proceduri, ghaliex ovvja kellhom kull interess illi jnehhu minn fuqhom l-piz ta' l-att kawtelatorju, illi hallsu l-ispejjez tal-Lodo biex dan b'hekk jigi kommunikat. Jirrizulta allura illi l-intimati ezekutanti wrew attitudni vessatorja lejn id-debituri minnhom prospettati billi zammu in vigore kontra taghhom

mandat li seta fil-verita tnehha qabel nonostante d-dritt taghhom li jigi propost mill-gdid issa a bazi ta' pretensjonijiet dedotti quddiem il-Prim Awla.

Mandat kawtelatorju mahrug bi pretensjonijiet gusti la jgorr mieghu u wisq anqas jinkorri ebda sanzjoni. Huwa permess u desiderat fil-ligi li kreditur jassigura esekuzzjoni tat-talba tieghu jekk din tirnexxi. Qajla hemm skop ghalija kieku dan ma kienx il-kaz. Del resto lanqas hu l-kaz li att kawtelatorju jgorr punizzjoni jekk maghmul skont il-ligi u b'animo gust pero' t-talba li fuqu jistrieh tfalli. Dawn huma principji ferm assodati fil-gurisprudenza taghna

Ma jistax pero' tali att jintuza b'mod kapriccuz u abbusiv. Anzi huwa rikjest, ghax propju n-natura tieghu hija wahda restrittiva fuq id-debitur, li jintuza b'kawtela u ghaqal. Dana ma giex rifless mill-kredituri ezekutanti meta hallew kapriccozament sekwestru kawtelatorju vigenti ghal jiem zejda kontra ir-rikorrenti ezekutati, bin-nuqqas taghhom kif kien minnhom diligentement mistenni li jhallsu b'mod immedjat dak minnhom dovut.

Insibu dwar dan fil-provediment fl-ismijiet **Josephine Sammut vs Emmanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg** deciza mill-Prim'Awla fit-3 ta' Lulju, 2003, lil Qorti qalet hekk: *"Il-kundanna tal-penali taht l-artikolu 836(8) ghandha ssir, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jekk xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafi ta' wara jkunu jezistu meta ntalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi, javverraw ruhhom fil-mori tal-validita' tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Mandati kawtelatorji huma, minn natura taghhom , sikkanti fuq il-pretis debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi ghandhom jigu kkontollati kontinwament, u l-htiega jew estensjoni taghhom ivverifikata skont ic-cirkostanzi"*

Dan il-provediment ghalkemm jipprospetta sitwazzjoni kemm xejn diversa minn dik in ezami juri l-kawtela li ghandha tintuza mill-kreditur meta jottjeni a favur tieghu dawn it-tip ta' mandati.

**Issib il-Qorti tenut dak premess illi hawn ir-rikorrenti Paul Camilleri u Michael Micallef ghandhom ragun jressqu dan l-ilment u konsegwentement tilqa' it-talba taghhom taht l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement qeghda timponi fuq l-intimati ezekutanti Steven Said u Anita Said il-penali ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69)**

**Bl-ispejjez ghal konjugi Steven u Anita Pace**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Deputat Registratur**